# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Charlotte Curmi)

Vs

John Borg

Illum 2 ta' Dicembru, 2024

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta' John Borg bin Ignatiusu Marie nee Chetcuti imwieled fil-22/06/1960 u joqghod 58, St. Francis Mans, Flat 2, Triq San Frangisk, Balzan. ID 0413960M.

Billi int akkuzat talli fl-10 ta' Settembru, 2021 ghall-habta ta' 20:30 hrs u/jew fil-hinijiet ta` qabel Fi Triq il-Ferrovija, Santa Venera, soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni LUC 600.

1. B`manjiera traskurata,
2. U talli soqt l-imsemmija vettura b`manjiera perikoluza,
3. U talli soqt l-imsemmija vettura b`manjiera bla kont,
4. U aktar talli b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkagunajt hruq, jew ghamilt hsara jew hassart jew gharraqt xi haga , minhabba f`hekk Harrold Vella baghta offiza

gravi fuq il-persuna, li tkun gabet konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta skond kif iccertifika Dr. Alexsander Grima MD mill-MDH.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikoli 328( b) Kap 9 Kap 65 Art 15(1)(a)(2) u-L.S. 65.18 Art 36B fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta’ Malta

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni

L-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta

Semghet it-trattazjoni

**Ikkunsidrat**

**PS 991 Alexander Gauci** xehed permezz ta’ affidavit u viva voce fejn elabora dwar l-istess

Dr **Alexander Grima** xehed permezz ta affidavit

**Harold Vella** li elabora dwar l-incident de quo u ikkonferma li ma kienx utilizza z-zebra crossing li kienet fil-vicinanzi.

**Ikkunsidrat**

Triq Ferovija Santa Venera hi triq li tintuza minn hafna vetturi u bhekk munita minn zebra crossings. L-midrub ghazel li ma juzghax iz-zebra crossing li kienet fil-vicinanzi ta’ minn fejn qasam. Bhekk

ikkreja emergenza subitanja lill-imputat li ma setghax jevita l-incident. Isegwi li mhux hati tal-imputazzjonijet fil-konfront tieghu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 328( c) Kap 9 Art 15(1)( a)(2) u-L.S. 65.18 Art 36B fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta.

ma ssibx lil John Borg hati tal-imputazzjonjiet fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**